**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR.IMĦALLEF AARON BUGEJA M.A. (LAW), LL.D. (MELIT).**

**Illum l-Erbgħa 27 ta' Ottubru 2021**

**Att ta' Akkuża Nru. 05/2017**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Kevin Gatt**

***Omissis***

Il-Qorti,

**1.**Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-akkużat Kevin Gatt detentur tal-karta ta'l-identita' numru 69976M, u *Omissis*, akkużati talli:

i. **Fl-Ewwel Kap**, assoċjaw rwieħhom flimkien u ma' persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex ibiegħu jew jitraffikaw ir-raża tal-Cannabis f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;
ii. **Fit-Tieni Kap, kontra *Omissis* waħdu**, talli kellu fil-pussess tiegħu r-raża tal-cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;
iii. **Fit-Tielet Kap, kontra *Omissis* waħdu**, talli forna, biegħ jew xort'oħra traffika r-raża tal-cannabis f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;
iv. **Fir-Raba' Kap, kontra *Omissis* waħdu**, talli fit-tnax (12) ta` Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-ġranet ta` qabel b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta d-delitt ta' money laundering bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta;
v. **Fil-Ħames Kap, kontra *Omissis* waħdu**, talli xtara jew ircieva mingħand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess kienu ffalsifikati bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
vi. **Fis-Sitt Kap, kontra Kevin Gatt waħdu**, talli kellu fil-pussess tiegħu r-raża tal-cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern u f'ċirkostanzi li juru li tali pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tiegħu dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;
vii. **Fis-Seba' Kap, kontra Kevin Gatt waħdu**, talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi. Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Kevin Gatt" tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001), l-akkużat Kevin Gatt nstab ħati u għaldaqstant sar reċidiv.

**2**. Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-akkużat Kevin Gatt fit-12 ta' Lulju 2017, kif ukoll in-nota ta'l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-akkużat *Omissis* fl-14 ta' Lulju 2017.

**3**. Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-01 ta' Frar 2021, fejn ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet kollha imqanqla mill-akkużat *Omissis*, kif ukoll ġew miċħuda l-ewwel, it-tieni u it-tielet eċċezzjonijiet imressqa mill-akkużat Kevin Gatt li jikkoncernaw l-inammissibbilita' ta'l-istqarrija, in-nullita tas-Sitt Kap ta'l-Att ta'l-Akkuża, il-piena indikata mill-Avukat Ġenerali fis-Seba' Kap, b'dan illi ġiet ordnata il-korrezzjoni fil-paragrafu sitta ta' dan il-Kap, u laqgħet l-eċċezzjoni dwar l-inammissibbilita' tax-xhud Pio Saliba u dan wara rinunzja ta'l-Avukat Ġenerali għal produzzjoni ta' dan ix-xhud.

**5**. Rat ir-rikors ta'l-appell imressaq mill-akkużat Kevin Gatt fit-08 ta' Frar 2021 li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-1 ta' Frar 2021 u dan billi fl-ewwel lok tikkonfermaha f'dik il-parti li iddeċidiet dwar it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-esponent appellant fin-nota tiegħu tat-12 ta' Lulu 2017, u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti li irrispinġiet l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-esponent appellant fin-nota tiegħu tat-12 ta' Lulju 2017 u sussegwentement tilqa' l-istess żewġ eċċezzjonijiet billi tiddikjara u tiddeċiedi: (1) Li kull stqarrija u/jew dikjarazzjoni li l-esponent appellant seta' għamel sew bil-fomm sew bil-miktub lil xi awtorita' b'konnessjoni ma' dak li hemm miġjub fl-Att ta'l-Akkuża fil-kawża fl-ismijiet premessi għandhom jiġu meqjusa nvalidi u għalhekk mhux produċibbli waqt il-ġuri stante li dawn ma ngħatawx u/jew ġew meħuda skont il-liġi u ċioe' jekk u meta dawn setgħu saru jew ingħataw l-esponent ma kienx ġie mogħti minn qabel l-opportunita' li jikkonsulta ruħu ma' avukat tal-għażla tiegħu u meta saru dan kien fl-assenza ta' avukat tal-għażla tiegħu; u (2) in-nullita' tas-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuża billi l-fatti imsemmija f'dan il-Kap u li fuqhom hi bbażata l-akkuża f'dan l-istess Kap ma jirriżultawx mill-atti tal-kumpilazzjoni li damet għaddejja għal kważi disa' snin.

**6**. Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali ppreżentata fit-08 ta' Marzu 2021 fejn talab lil Qorti tirrespinġi l-aggravji tal-appellant fl-intier tagħhom u konsegwentement tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali ta'l-1 ta' Frar 2021.

**7**. Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant Kevin Gatt.

**8**. Rat l-atti kollha tal-kawża.

**9.** Semgħet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

**10.** Illi l-appellant iqanqal żewġ aggravji fl-appell minnu ntentat, bl-ewwel wieħed jattakka l-ammissibilita' bħala prova tal-istqarrija rilaxxata minnu lill-pulizija lura fit-13 ta' Ottubru 2008, kif ukoll ta' kull dikjarazzjoni sew bil-fomm sew bil-miktub li huwa seta' għamel quddiem l-awtorita' investigattiva. Jattakka l-valur probatorju ta' dawn l-istqarrijiet verbali u bil-miktub għaliex meta dawn ġew minnu rilaxxati, huwa ma kellu jedd għal ebda forma ta' assistenza legali, sabiex b'hekk huwa seta' inkrimina ruħu ġaldarba tali stqarrijiet jistgħu jinġiebu bħala prova kontra tiegħu fil-ġuri. Jisħaq illi l-Qorti Kriminali erronjament straħet fid-deċiżjoni tagħha fuq il-pronunzjament mogħti minn din il-Qorti, kif diversament komposta, fl-appell fl-ismijiet *the Republic of Malta vs Lamin Samura Seguba* u dan għaliex l-appellant f'dak il-każ kien ingħata il-jedd li jieħu parir legali qabel ir-rilaxx ta'l-istqarrija in linja mal-liġi vigenti f'dak iż-żmien, kuntrarjament għal dak li seħħ f'dan il-każ fejn l-appellant ma kellu jedd għall-ebda forma ta' assistenza legali. Jikkontendi inoltre illi d-direzzjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali hija waħda ċara u ċioe' illi kull stqarrija rilaxxata minn persuna akkużata li ma ingħatatx l-assistenza legali, għanda tiġi imwarrba mill-atti proċesswali u ma tinġiebx quddiem il-ġurati fiċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u dan sabiex ma jkunx hemm il-periklu illi l-proċeduri jiġu vvizjati meta l-ġurija tistrieħ fid-deċizjoni aħħarija fuq prova li hija difettuża. Għalhekk, fil-fehma tiegħu, din il-Qorti ma tistax tagħti direzzjoni xort'oħra, iżda trid timxi fuq il-linja gwida mogħtija mill-ogħla Qorti fil-pajjiż u dan anke biex ma jinsorġiex il-periklu li jkun hemm dik l-inċertezza ta' dritt li twassal għal preġudizzju serju fir-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja fejn issir diskriminazzjoni bejn akkużat u ieħor.

**11.** L-appellant fl-aggravju minnu mqanqal fil-fatt jilmenta illi hemm inċertezza legali minħabba deċiżjonijiet kunfliġġenti li qed jigu mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali u minn din il-Qorti, bir-riżultat illi m'hemmx konformita' dwar il-mod kif qed jiġu ttrattati persuni akkużati b'reati quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni penali u dan wara s-sentenza "*Beuze vs il-Belgju*" moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fejn ġew imfassla linji gwida ġodda li għandhom jwasslu lil qrati jistabbilixxu jekk tkunx seħħet leżjoni tal-jedd tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq meta hija tirrilaxxja stqarrijiet inkriminatorji mingħajr l-assistenza ta' avukat. Jisħaq illi ġaldarba ma hemmx din iċ-ċertezza legali dwar dan il-kweżit ta' dritt, allura ikun ta' periklu għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja li din il-prova, permezz ta' dawn l-istqarrijiet, tinġieb a konjizzjoni tal-ġurati fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri meta jista' jinsorġi il-periklu ta' vjolazzjoni ta'l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**12.** Illi huwa ndubitat illi fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa '*pre-trial*', miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt għandhom jiġu skartati billi nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju. Din ir-regola hija mfassla, fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali[1].

**13**. Illi l-pożizzjoni ta' dritt li tirregola it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran ra żviluppi sostanzjali fi snin reċenti. Illi fiż-żmien meta l-akkużat ġie arrestat u interrogat lura fis-sena 2008, huwa ma kellu jedd ghal ebda forma ta' assistenza legali. Illi l-leġislatur fl-artikolu l-ġdid maħluq bl-Att III tal-2002

[1]Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub,b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

ħaseb sabiex ***"il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali , wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu."*** Għalhekk nħolqot sitwazzjoni ġdida għar-rigward tal-istqarrijiet li ġew rilaxxati mid-data li nġiebu fis-seħħ dawk l-emendi 'l quddiem, sitwazzjoni, kif ingħad, fejn ingħata il-jedd tal-parir legali qabel l-interrogatorju. Dan il-jedd madanakollu ġie fis-seħħ diversi snin wara il-promulgazzjoni tal-liġi u dan fl-10 ta' Frar 2010. Illi l-evoluzjoni f'dan id-dritt konċess lis-suspettat, madanakollu, kompla meta seħħ tibdil ieħor għal Kodiċi Kriminali u dan b'konsegwenza ta' trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew fejn allura nghata l-jedd li l-persuna suspettata ikollha avukat preżenti magħha matul l-interrogatorju, fost emendi oħra fil-liġi.

**14**. Illi huwa minnu dak li jsostni l-appellant illi kien hemm evoluzzjoni fil-liġi u l-ġurisprudenza, kemm dik lokali kif ukoll ewropeja dwar il-jedd ta' persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, li tkun assistita minn avukat, bil-liġi qabel Frar tas-sena 2010, teskludi kompletament dan il-jedd. Din il-bidla fil-liġi wasslet sabiex il-qrati matul dawn l-aħħar snin issindikaw il-validita' tal-proċeduri penali u ċioe' jekk dawn setgħux ġew ivviżjati bil-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq tal-persuna akkużata meta dan ikun irrilaxxa stqarrija mingħajr difiża adegwata, liema stqarrija sussegwentement tinġieb bħala prova fl-imsemmija proċeduri. Illi dan wassal għal fehmiet differenti espressi mill-qrati ta' kompetenza penali kif ukoll dawk kostituzzjonali u anke evoluzjoni fil-ħsieb tal-QEDB liema ħsieb imbagħad influwenza deċizjonijiet illi ġew wara s-sentenzi fil-każ *Philippe Beuze vs il-Belġju* (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018, u *Farrugia vs Malta* illi xi ftit jew wisq tbiegħdu mill-insenjament imfassla fid-deċiżjoni ta' *Salduz* u oħrajn.

Illi f'dawn id-deċiżjonijiet il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan wara li jiġi superat l-ewwel test, u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jiġi miċħud.

> **"441. When examining the proceedings as a whole, the following non-exhaustive list of factors should, where appropriate, be taken into account (Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], § 274; Beuze v. Belgium [GC], § 150; Sitnevskiy and Chaykovskiy v. Ukraine, §§ 78-80):**
> **▪ Whether the applicant was particularly vulnerable, for example, by reason of his age or mental capacity;**
> **▪ The legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with; where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;**
> **▪ Whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;**
> **▪ The quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;**
> **▪ Where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;**
> **▪ In the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;**
> **▪ The use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;**
> **▪ Whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay jurors, and in the case of the latter the content of any jury directions;**
> **▪ The weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue;**
> **▪ Other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.[2]**

**15**. Illi allura din il-Qorti fid-dawl tal-pronunzjament surriferit tal-Qorti Ewropea ma tistax *a priori* tiskarta stqarrija ta' persuna li tkun ittieħdet skont il-liġi viġenti fiż-żmien li ġiet rilaxxata, u dan għaliex allegatament jista' jkun hemm leżjoni potenzjali tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq. Illi l-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-ilment ventilat mill-

---

[2] https://www.echr.coe.int/documents/guide_art_6_criminal_eng.pdf

appellant illi teżisti inċertezza fil-liġi minħabba deċiżjonijiet tal-qrati, li fil-fehma tiegħu, huma konfliġġenti. Dan għaliex d-direzzjoni li qed tiġi mogħtiija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija univoka, u ċioe' illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija, dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha.

**16**. Illi għalhekk il-Qorti tażżarda tgħid illi lanqas hemm il-konfliġġenza lamentata u l-konsegwenti inċertezza ta' dritt, bejn id-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti u dawk tal-Qorti Kostituzzjonali, billi dawn huma kollha konkordi fil-fehma illi sakemm il-proċess penali ma jkunx ġie finalment determinat sabiex il-kriterju tal-*overall fairness* ikun jista' jiġi mistħarreġ, ma jistax jingħad illi hemm xi lezjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huwa r-rimedju mogħti li huwa differenti u dan għaliex filwaqt li l-Qorti Kostituzzjonali qed tidderiġi lil Qorti Kriminali sabiex preventivament ma ġġibx dik l-istqarrija a konjizzjoni tal-ġurati waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, fil-parametri tas-setgħat lilha mogħtija fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, u dan sabiex ma jkunx hemm il-periklu li l-proċeduri jkunu mittiefsa meta xi kundanna eventwali tiġi imsejsa fuq prova li tista' tkun ivvizjata, din il-Qorti qed tagħti direzzjoni xort'oħra lil Qorti Kriminali, fil-parametri tas-setgħat lilha mogħtija bil-liġi, billi tidderigieha tapplika il-kriterji imfassal fid-deċiżjoni *Beuze* qabel ma tgħaddi biex tiskarta prova li hija legalment valida u ammissibbli, u dan sakemm dan l-eżercizzju dwar l-*overall fairness* ma jkunx jista' isir minn din il-Qorti preventivament minn eżami tal-atti kumpilatorji. Dan meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti. Dan ifisser illi bil-fatt illi din il-Qorti qed tagħti rimedju xort'oħra minn dak mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali f'każijiet analoġi, ma jfissirx illi teżisti dik l-inċertezza fil-liġi lamentata mill-appellant billi l-ġurisprudenza hija illum konkordi fil-fehma illi fl-istadju bikri tal-proċeduri mhux dejjem jista' jiġi determinat jekk seħħitx dik leżjoni tal-jedd tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq. Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess hija tal-fehma illi:

> **"Hu fuq l-Istat l-obbligu li jagħti prova li fil-proċess kriminali kien hemm *overall fairness*. F'dan il-każ m'huwiex possibbli li jsir għal kollox l-eżerċizzju li ssemma fil-każ ta' *Beuze* għaliex s'issa l-ġuri għadu ma sarx[3].**

Dan għaliex:

> **... dwar dan il-każ għad irid isir il-ġuri. Għalhekk huma l-ġurati li ser jiddeċiedu jekk l-appellant huwiex ħati tal-akkużi li hemm kontrih. Madankollu, ser ikun l-imħallef li fl-indirizz li jrid jagħmel lill-ġurati ser jiġbor ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, kif ukoll ifisser ix-xorta u l-elementi tar-reati rilevanti għall-każ. Hu l-imħallef li jagħmel ".... kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu" (Artikolu 465 tal-Kap. 9)[4].**

**17.** Illi l-Qorti tistqarr illi hija konsapevoli tal-pronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi tas-27 ta' Jannar 2021 fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali billi jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smiegħ xieraq[5]. Hija konsapevoli wkoll ta' pronunzjamenti oħra, b'wieħed aktar recenti[6], fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet tal-ħsieb kuntrarju[7], u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma, meta tinsab mogħnija bil-provi kkumpilati u mingħajr ma tinoltra ruħha f'indaġini dwar il-mertu, li kull każ jimmerita indaġini għalih innfisu sabiex jiġi mistħarreġ jekk teżistiex il-biza' li fil-proċess ġudizzarju il-persuna akkużata issofri nuqqas ta' smigħ xieraq bl-ammissjoni bħala prova ta' stqarrija li b'xi mod tista' tkun waħda mittiefsa minn xi difett mhux sanabbli anke meta wieħed jiehu in konsiderazzjoni "*the overall fairness of the proceedings*". Illi jerġa' jiġi ribadit illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet leżjoni billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu

---

[3] Kost: Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello – 27 ta' Marzu 2020
[4] *Ibid*
[5] Clive Dimech vs Avukat Generali, The Police vs Alexander Hickey, Morgan Onuorah vs l-Avukat ta'l-Istat
[6] Micallef Briegel vs Avukat Ġenerali Kost. 30/06/2021
[7] Kost: Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello – 27 ta' Marzu 2020

kien għadu ma ġiex konkluż, għalkemm f'uħud mill-kazijiet tat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta'l-istqarrija, izda dan sar aktar bħala forma ta' rimedju prekawzjonarju minhabba xi leżjoni potenzjali, u mhux għax fil-fatt kienet seħħet dik il-leżjoni lamentata.

**18**. Illi fuq kollox bil-fatt waħdu illi s-sentenzi tal-qrati jkunu evolvew fejn saħansitra jkun hemm anke tibdil fir-*ratio decidendi*, ma jwassalx neċessarjament għal xi inċertezza fil-liġi. Illi saħansitra fil-każ *Borg vs Malta* il-Qorti Ewropeja sabet li ma kienet seħħet ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-akkużat bil-fatt illi l-Qorti Kostituzzjonali tat pronunzjamenti diverġenti f'każijiet analoġi:

> **107. One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty (see *Brumărescu v. Romania* [GC], no. 28342/95, § 61, ECHR 1999-VII), which, *inter alia*, guarantees a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts (see *Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey* [GC], no. 13279/05, § 57, 20 October 2011). The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see *Vinčić and Others v. Serbia*, nos. 44698/06 and others, § 56, 1 December 2009). However, the requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of case-law (see *Unédic v. France*, no. 20153/04, § 74, 18 December 2008), and <u>case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evolutive approach would risk hindering reform or improvement</u>[8] (see *Atanasovski v. the former Yugoslav Republic of Macedonia*, no. 36815/03, § 38, 14 January 2010).**
>
> **108. The Court has been called upon a number of times to examine cases concerning conflicting court decisions and has thus had an opportunity to pronounce judgment on the conditions in which conflicting decisions of domestic supreme courts were in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention (see *Paduraru v. Romania*, no. 63252/00, ECHR 2005-XII (extracts); *Beian*, cited above; *Iordan Iordanov and Others v. Bulgaria*, no. 23530/02, 2 July 2009; *Pérez Arias v. Spain*, no. 32978/03, 28 June 2007; *Ştefan and Ştef v. Romania*, nos. 24428/03 and 26977/03, 27 January 2009; *Taussik v. the Czech Republic* (dec.), no. 42162/02, 2 December 2008; and *Tudor Tudor v. Romania*, no. 21911/03, 24 March 2009). In so doing it has explained the criteria that guided its assessment, which consist in establishing whether "profound and long-standing**

[8] Sottolinjar tal-Qorti

**differences" exist in the case-law of a supreme court, whether the domestic law provides for machinery for overcoming these inconsistencies, whether that machinery has been applied, and if appropriate to what effect (see *Iordan Iordanov and Others*, cited above, §§ 49-50).....**

**110. Having analysed the judgments brought to the Court's attention the Court observes that the difference the applicant complains of resides not in the factual situations examined by the domestic courts (see, conversely, *Erol Uçar v. Turkey* (dec.), no. 12960/05, 29 September 2009) – in so far as all the claimants were subject to the blanket provision – but in the application of the law (based on case-law, namely the case-law of this Court). It also appears that the Constitutional Court originally followed the *Salduz* judgment strictly. However, at some point, notably from 2012 onwards, the Constitutional Court "restricted" its interpretation of the *Salduz* judgment, with the consequence that a number of persons who were subject to the systemic ban in Malta, and who therefore were not assisted by a lawyer when they made their statements, did not have the benefit of favourable judgments remedying their situation. This interpretation appears to have remained the practice thereafter, in so far as the only example brought by the applicant to demonstrate a further inconsistency was the case of *The Republic of Malta vs Alfred Camilleri* of 12 November 2012, which was however overturned by the Constitutional Court pending proceedings before this Court.**

**111. Thus, as was the case in the recent *Dimech* judgment (cited above), in the Court's view, unlike in *Beian* (cited above), the present case does not deal with divergent approaches by the supreme court – in the present case the Constitutional Court, which is the highest court in Malta – which could create jurisprudential uncertainty, depriving the applicant of the benefits arising from the law. The situation in the present case constituted a reversal of case-law. In this connection the Court reiterates that, as held in *S.S. Balıklıçeşme Beldesi Tarım Kalkınma Kooperatifi and Other v. Turkey* (nos. 3573/05, 3617/05, 9667/05, 9884/05, 9891/05, 10167/05, 10228/05, 17258/05, 17260/05, 17262/05, 17275/05, 17290/05 and 17293/05, 30 November 2010), <u>in the absence of arbitrariness, a reversal of case-law falls within the discretionary powers of the domestic courts, notably in countries which have a system of written law (as in Malta) and which are not, in theory, bound by precedent</u>[9] (see also *Torri and Others v. Italy*, (dec.), nos. 11838/07 and 12302/07, § 42, 24 January 2012, and *Yiğit v Turkey*, (dec.) no. 39529/10, §§ 21-22, 14 April 2014).[10]**

**19**. Illi magħmula din l-espożizzjoni tad-dritt u ġurisprudenza in materja tal-valur probatorju ta'l-istqarrija, il-Qorti eżaminat l-atti kumpilatorji u dan sabiex tindaga jekk

---

[9] Sottolinar tal-Qorti

[10] *(Application no. 37537/13) deċiża 12/04/2016*

f'dan l-istadju tal-proċeduri tistax issir l-indaġini stabbilita bil-kriterji imfassla fis-sentenza *Beuze* u dan qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, mingħajr ma tinoltra ruħha f'eżami tal-fattispeċje tal-każ, liema eżami għandu jiġi mħolli interament f'idejn il-ġurati. Jidher li dan il-każ ra il-bidu tiegħu wara informazzjoni li wasslet lil pulizija marbuta ma' allegat negozju dwar traffikar ta' droga minn ċertu Francis Bonett. Saret l-għassa mar-residenza ta' Bonett fejn l-appellant u persuna oħra intlemħu deħlin fil-blokka ta' bini fejn jirrisjedi Bonett. F'dan il-ħin l-appellant ġie innotat li kellu f'idejh basket kulur blu skur. Iktar tard l-appellant, Bonett u din it-terza persuna, certu Jeremy Ciantar, intlemħu ħerġin u jirkbu ġewwa vettura li ġiet misjuqa mill-appellant. Huma ġew segwiti mill-pulizija u meta waqqfu dawn innotaw li mill-vettura niżlu Ciantar u Bonett li erħewlha lejn vettura oħra li kienet ipparkeġġjata fl-inħawi, fetħu il-bagoll ta' din il-vettura u harġu żewġ basktijiet tal-karti. Dawn reġgħu rikbu fil-vettura fejn kien l-appellant u hawnhekk twaqqfu mill-pulizija. Mill-istħarriġ li sar irriżulta illi l-basktijiet li ġew misjuba hdejn saqajn Ciantar fil-vettura tal-appellant kien fihom id-droga *cannabis*. Fil-vettura kien hemm ukoll certu Caroline Pace li f'dak iż-żmien kienet it-tfajla tal-appellant. Fil-vettura l-oħra, minn fejn kienu inħarrġu ż-żewġ basktijiet, instabu seba' sapuniet suspettati raża tal-*cannabis*. Illi minn tfittxija li saret sussegwentement fl-appartament ta' Bonett ġie misjub il-basket kulur blu skur li kien intlemaħ f'idejn l-appellant ftit tal-ħin qabel, li kien fih ammont sostanzjali ta' flus. Fuq il-persuna tal-appellant u anke fil-vettura tiegħu instabu ammonti oħra sostanzjali ta' flus. Wara l-arrest li sar mill-pulizija ta' dawn in-nies, Jeremy Ciantar għazel li jikkopera u rrilaxxja stqarrija ġuramentata quddiem l-Inkwirenti, fejn ta d-dettalji dwar l-allegat involviment ta'l-appellant u ta' Bonett f'dan in-negozju. L-appellant jiġi arrestat minufih u meta interrogat jirrilaxxja stqarrija l-għada fit-13 ta' Ottubru 2008 fejn ġie mogħti s-segwenti twissija:

> **"M'intix obbigat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq titkellem, imma dak lli tgħid jista' jinġieb bi prova."**

Ebda forma ta' assistenza legali ma ġiet lilu konċessa billi l-liġi f'dak iż-żmien ma kenitx tagħtih dan il-jedd b'mod sistematiku.

**20**. Illi minn eżami tal-provi marbuta ma' dak li seħħ immedjatament mal-arrest tal-appellant jirriżulta illi l-appellant għamel żewġ tipi ta' dikjarazzjonijiet f'żewġ stadji differenti meta allura huwa kien meqjus bħala persuna suspettata fil-kummissjoni tar-reat. Illi meta bdew l-investigazzjonijiet tal-pulizija, jidher illi l-uffiċjali involuti interrogaw verbalment lill-appellant dwar il-basket ta' droga u il-basket tal-flus misjuba fit-tfittxijiet li saru, u dan kif jemerġi mi-xiehda ta' PC213 Nicolai Borg[11]. Ma jidhirx minn din ix-xiehda illi l-appellant ingħata xi twissija qabel ma ġew lilu mqieghda dawn il-mistoqsijiet inkriminatorji, għalkemm l-appellant għażel li ma iweġibx għal dawn id-domandi. Dan il-fatt, madanakollu ma jista' qatt jeradika mill-vjolazzjoni ta' dritt li seħħ, sabiex b'hekk kwalunkwe prova li tista' toħroġ minn dawn il-mistqosijiet hija waħda ivvizzjata u ikun perikoluż ferm illi tali prova titħalla li ssir matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Illi għalhekk il-Qorti Kriminali ma setghet qatt tqiegħed din il-prova fl-istess keffa mal-insenjament tramandat fis-sentenza *Lamin Samura Seguba* mogħtija minn din il-Qorti.

**21**. Illi l-appellant imbagħad jiġi interrogat mill-ufficjal investigattiv fejn hemmhekk huwa jiġi mogħti it-twissija hawn fuq indikata fejn, jerġa' jingħad, huwa ma jingħata ebda dritt li jfittex l-għajnuna ta' avukat sabiex la jagħtih parir legali u lanqas biex jassistieh matul l-interrogazzjoni, u dan billi dan id-dritt ma kienx mogħti bil-liġi f'dak iż-żmien. Illli minn qari ta'l-istqarrija jidher illi l-appellant din it-twissija fehmha u anke għażel li jużufruwixxi ruħu mill-jedd tiegħu għas-silenzju meta l-interrogatur għamillu mistoqsijiet li dehru li setgħu jkunu inkriminatorji. Dan magħdud, madanakollu, din it-tattika addottat mill-appellant tista' issarraf fi preġudizzju għalih meta min hu imsejjaħ biex jiġġudika jara t-tweġibiet minnu mogħtija għal uħud mill-mistoqsijiet u għal oħrajn le. Illi għalkemm l-appellant, għal dawk il-mistqosijiet li kienu jikkonċernaw il-fatti marbuta ma'l-allegat traffikar li kien qed jiġi investigat dwaru, għażel li ma iwegibx, kif kellu kull dritt illi jagħmel, iżda meta rinfaċċjat b'mistoqsijiet fejn setgħet tiġi implikata t-

[11] Ara xhieda fl-atti kumpilatorji Volume 1 fol. 25 et seq

tfajla tiegħu, Caroline Pace, huwa waqa' fin-nasba tal-interrogatur u dan meta wieġeb għal mistoqsija:

**D. "Trid tgħid x'kien l-involviment ta' Caroline f'din id-deal ta' droga?"**

**R. " Caroline ma kienet taf b'xejn."**

U imbagħad iktar 'il quddiem fl-istqarrija meta reġa' mistoqsi:

**D. "Qed nerga' nistaqsiek, Caroline kienet taf jew le b'deal ta' Droga li kien addejja?"**

Iwieġeb:

**R. "Le ma kienetx taf."**

U wara dan imbagħad igħaddi biex jammetti illi huwa ġieli jabbuża mid-droga. Illi fil-fehma tal-Qorti, mingħajr ma tinoltra ruħha fil-mertu tal-każ, dawn it-tweġibiet jistgħu jkunu inkriminatorji billi min huwa imsejjaħ biex jiġġudika jista' jinferixxi li l-appellant allura verament kien a konoxxenza tan-negozju ta' traffikar ta' droga mertu ta' dawn il-proċeduri. Illi dawn it-tweġibiet ingħataw minnu meta huwa ma kellu jedd għall-ebda difiża u għalhekk meta kien injar mill-konsegwenzi legali li din il-linja ta' tweġibiet setghet iggib fuqu. Illi allura minn dan il-kwadru ta' fatti marbuta mal-interrogatorrju tal-appellant, meta huwa ma kellu ebda dritt li jiddefendi ruħu permezz ta' xi forma ta' assistenza legali, jemerġi mhux biss illi fl-ewwel stadji tal-investigazzjonijiet huwa ġie interrogat mingħajr ma ingħata ebda twissija, iżda imbaghad meta mogħti it-twissija vigenti skont il-liġi f'dak iż-żmien, injar mill-konsegwenzi tal-mod kif kien qiegħed iwieġeb għal mistoqsijiet li kienu qed isirulu, seta' inkrimina ruħu u dan mingħajr ma kellu dik id-difiża adegwata. Dan jista' isarraf f'preġudizzju irrimedjabbli għall-appellant għalkemm fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri huwa ser ikun assistit minn avukat u ser ikollu l-opportunita' iressaq id-difiża tiegħu. Illi allura, għalkemm l-istqarrija tat-13 ta' Otturbu 2008 ġiet rilaxxata skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, madanakollu huwa indubitat illi din il-prova li ittieħdet meta l-appellant ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellant wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid jiġi iċċelebrat il-ġuri,

madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel, kemm permezz tad-dikjarazzjonijiet verbali magħmula mill-appellant, kif ukoll dawk magħmula fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt illi l-appellant ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrija u dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din il-Qorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat mal-pregudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellant f'kaz l-istess tiġi ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha. Il-Qorti għalhekk qed titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali f'dan ir-rigward, ukoll għaliex il-fattispecje ta' dan il-kaz ma għandhom xejn x'jaqsmu ma' dawk li isawwru il-każ minnha iċċitat fis-sentenza appellata u li fuqu straħet biex sejset id-deċiżjoni tagħha.

**22.** Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, dan l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant jistħoqqlu akkoljiment u għalhekk tordna illi l-prova li l-Prosekuzzjoni trid tagħmel permezz tad-dikjarazzjonijiet kemm verbali kif ukoll bil-miktub magħmula mill-appellant meta huwa ġie arrestat u interrogat għandha tigi imwarrba u ma tinġiebx a konjizzjoni tal-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

**Ikkunsidrat:**

**23.** Illi fit-tieni aggravju minn ntenta l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti erronjament caħdet l-eċċezzjoni minnu imqanqla rigward in-nullita' tas-Sitt Kap ta'l-Att t'Akkuża u dan għaliex il-fatti narrati fil-parti espożittiva ta' dan il-Kap ma jwasslux għar-reat li bih l-appellant jinsab mixli dwaru fil-parti akkużatorja li jitratta l-pussess

aggravat tad-droga *cannabis*. Jisħaq illi għalkemm il-basket ta' droga ġie misjub fil-vettura tiegħu, madanakollu dan ma kienx fil-pussess tiegħu, iżda ta' Jeremy Ciantar li kien għadu kemm rikeb fil-vettura b'dan il-basket f'idejh, u dan kif jirriżulta mill-provi kkumpilati. Illi allura l-fatt narrati mill-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva ta' dan il-Kap, u ċioe' illi l-appellant ircieva din id-droga fil-vettura tieghu, fil-fehma ta'l-appellant ma jirriflettux il-provi kkumpilati. Jikkontendi illi huwa għalhekk qatt ma kien fil-pussess ta' din id-droga sabiex ma jissussistiex ir-reat li dwaru imbaghad huwa ġie mixli fl-imsemmi Kap.

24. Illi l-Qorti Kriminali iddecidiet hekk dwar din l-eċċezzjoni:

**"7. F'din l-eccezzjoni, l-akkuzat jallega illi l-fatti msemmija f'dan il-Kap u li fuqhom hi bazata din l-akkuza ma jirrizultawx mill-atti tal-Kumpilazzjoni. Huwa palezi illi l-att ta' akkuza ghandu jkun msejjes fuq dak li dwaru tkun saret il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja. Is-subartikoli (c) u (d) tal-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali huwa car bizzejjed dwar dan u in sostenn ta' dan ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Micahel Carter tas-7 ta' Dicembru, 2001 li ghalkemm titratta dwar ir-rinviju ghall-gudizzju quddiem il-Qorti tal-Magistrati mill-Avukat Generali tispjega b'analogija dak li ghandu jsehh f'att ta' akkuza: "in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-artikolu 373(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni";**

**8. Ezaminati l-atti processwali, ma hemm ebda dubju li l-kumpilazzjoni tkopri dak allegat fit-Sitt Kap tal-Att ta' Akkuza u ghalhekk il-gudizzju dwar dak allegat mill-Avukat Generali hu rimess ghall-guri. Konsegwentement din l-eccezzjoni qed tkun respinta;"**

**25.** Huwa ben risaput u kemm–il darba riaffermat fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi l-liġi tħalli fid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali biex ifassal l-Att ta' l-Akkuża u l-kapi rispettivi kontenenti l-akkuzi imressqa fil-konfront tal-persuna akkużata. L-Avukat Ġenerali huwa marbut b`dak li jgħid l-artikolu 589 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi hekk :

**"L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –**
**(a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;**
**(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;**

**(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ- ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u**
**(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."**

**26**. Illi allura dawk il-fatti li l-Avukat Ġenerali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-Att ta' l-Akkuża bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika, u l-ġurija popolari dejjem tiġi imwissija f'dan is-sens mill-Imħallef togat. Lanqas ma jista' l-appellant jallega illi b' tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Ġenerali jista' jiġi ppreġudikat il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ladarba huwa ser igħaddi proċess ġudizzjarju fejn il-Prosekuzzjoni għandha tressaq il-provi li jsostnu l-akkużi kif dedotti fl-Att ta' l-Akkuża, bid-dritt ta' l-akkużat li jressaq difiża xierqa u adegwata fejn ikollu kull opportunita` jipprova ixejjen il-provi li ġġib il-Prosekuzzjoni.

**27**. Issa jekk huwiex minnu illi l-appellant irċeva id-droga minn għand Ciantar fil-vettura tiegħu o meno, huwa fatt li jrid jiġi determinat mill-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux minn din il-Qorti, u jekk allura l-appellant għandux jinsab ħati tar-reat li dwaru jinsab mixli f'dan il-Kap. Il-liġi ma tagħtix setgħa lil din il-Qorti illi tiddeċiedi jekk l-Avukat Ġenerali kellux raġun meta fil-parti narrattiva tas-Sitt Kap ta' l-Akkuża abbina dawk il-fatti li jemerġu mill-atti kkumpilati, kif minnu interpretati, mar-reat li bih huwa akkuża lill-appellant f'dan il-Kap. Żgur mhux forsi illi Gatt kien preżenti flimkien ma' Ciantar fuq ix-xena tar-reat, u ċioe' fil-vettura misjuqa mill-appellant, iżda jekk ikkommettiex atti materjali abbinati mal-element formali li jwasslu għar-reat tal-pussess aggravat tad-droga, hija materja li dwarha jistgħu jikkonkludu biss il-ġurati. Wara li dawn ikunu semgħu l-provi kollha, jispetta lilhom biss id-dmir li jiddeċiedu dwar il-ħtija tal-appellant dwar ir-reat li bih jinsab mixli, u dan lil hinn minn kull dubju dettat mir-

raguni. Dan il-kompitu ċertament ma jispettax lil din il-Qorti u lanqas lil Qorti Kriminali qabilha. **Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dan it-tieni aggravju qed jiġi miċħud.**

**28. Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant Kevin Gatt, iżda tiċħad it-tieni aggravju. Tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn din caħdet l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-appellant Kevin Gatt b'dan għalhekk illi ebda użu ma għandu jsir fiċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri tal-istqarrija rilaxxata mill-appellant lil pulizija u ta' kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula minnu lill-investigaturi mill-mument tal-arrest tiegħu, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**Tibghat l-atti lura lil Qorti Kriminali għal kontinwazzjoni tal-proċess penali kontra l-akkużati Francis Bonett u Kevin Gatt.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Aaron Bugeja**